Kunsill Lokali

Local Council

Ix-Xewkija

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 21**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

Il-Kunsill Lokali ix-Xewkija iltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Lulju 2025. Il-Laqgħa bdiet 16:30.

PREŻENTI:

Simona Refalo – Sindku

Paul Azzopardi – Viċi Sindku

Jeanelle Attard – Kunsillier

George Zammit – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOGIJA (skond ordni Permanenti 14A (3):

Josef Charles Hili – Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Mejlak – Segretarju Eżekuttiv

**21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Inqrat l-imejl ta'appoloġija tal-Kunsillier Josef Charles Hili.

**21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 20 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk kienu meqjusa moqrija. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li l-garanzija minħabba l-proġett ta' tal-playingfield tal-barmil għandha tiġi ta' sentejn u mhux €2000. Dawn ġew approvati unanimament.

**21.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku bdiet billi tagħat ħarsa ġenerali fuq:

*L-skema tal-latrini:*

Il-Kuntrattur bħalissa qed jagħmel ix-xogħol, ingħalqet biss parti waħda bħalissa, x'ħin tkun lesta din il-parti, tingħalaq in-naħa l-oħra sabiex dejjem ikun hemm latrina miftuħa.

*Ġnien tal-Blankas*

Qed jaslu ħafna ilmenti dwar il-latrini ta' Blankas. Is-Sindku qalet li marret diversi drabi fuq il-post u sabithom maħmuġin. Għaldaqstant, qalet lis-sur Brian Portelli, ħaddiem tal-Kunsill, biex bħalissa jkun hu responsabbli mit-tindif, peress li tifhem li l-Għaqda tal-Armar – li normalment jieħdu ħsiebhom – bħalissa għandhom impenji relatati mal-festa. Madankollu, dan qed jirrifletti ħażin fuq il-Kunsill.

Is-Sindku staqsiet l-opinjoni ta' dawk preżenti. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard osservat li fil-weekends il-latrini spiss ikunu magħluqa, meta fil-fatt ikun hemm l-aktar nies. Is-Sindku spjegat li għalissa tat l-ordni biex jinżammu magħluqa sakemm tinstab soluzzjoni.

Il-fehma tas-Sindku hi li l-Għaqda tal-Armar jibqgħu jieħdu ħsiebhom, iżda l-ħaddiem tal-Kunsill għandu jagħmel spot-checks regolari. Il-Viċi Sindku Paul Azzopardi sostna li l-kwistjoni hi sempliċi: jekk l-Għaqda tal-Armar ser jieħdu ħsiebhom, iridu jkunu impenjati. Għaldaqstant, hu ssuggerixxa li jingħataw perjodu ta' prova biex jiġi osservat kif imorru.

Il-Kunsillier George Zammit staqsa min hu eżattament responsabbli. Is-Sindku wieġbet li Govann is-Sultan hu dak li jieħu ħsieb, u li diġà informa lill-istess Sindku li ser jagħmlu timetable apposta għat-tindif. Dawk preżenti qablu ma' din is-soluzzjoni.

*Kwistjoni dwar il-biċċa taċ-ċiment fi Triq San Ġwann*

L-Avukat tal-Kunsill, Kevin Mampolao, nesa jibgħat ittra lis-sid tal-proprjetà biex jinformaha li l-Kunsill mhux ser jerfa' spejjeż f'każ ta' inċidenti minħabba l-biċċa taċ-ċiment li twaħħlet barra l-bankina. Is-Sindku fakkret li kien hemm ftehim li l-Kunsill iħallas biss l-ewwel claim li daħal, iżda mbagħad l-avukat kellu jibgħat ittra lis-sid biex jikkjarifika li għal iktar claims il-Kunsill ma kienx ser iħallas.

Issa, wara rapport ġdid fl-għassa, is-Sindku qalet li peress li l-ittra kellha tintbagħat mill-għada tal-ftehim, il-Kunsill m'għandux jerfa' din l-ispiża. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li lanqas l-ewwel claim

SR MM

ma kellu jitħallas mill-Kunsill. Ġie konkluż li l-avukat għandu jintalab immedjatament jibgħat ittra lis-sid tal-proprjetà.

### 21.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

Il-Kunsillier George Zammit staqsa rigward il-ħofra li kien għamlu Triq Santa Katerina. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekja ma' Frankie tal-Enemalta x'sar f'dan ir-rigward.

Il-Kunsillier George Zammit semma' l-Culverts li hemm il-pjazza, s-Sindku qalet li hemm kommunikazzjoni mal-Ministeru minħabba dan. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li kien hemm ukoll PQ fuqha u qalet li kienu ħarġu tender u ħadd ma ħadha. Il-Kunsiller George Zammit qal li hemm il-culverts lesti sabiex il-wires jinżlu taħt l-art u li issa qed jinżel id-dranaġġ ġo fihom. Il-Kunsillier Paul Azzopardi qal li din il-problema ġejja għax hemm xi joint ma' ġiex ikommunikat. Il-Kunsillier Paul Azzopardi ssuġġerixxa li l-aħjar ħaġa li niltaqgħu mal-kuntrattur Simon Grech u nimxu minn hemm.

### 21.5 Laqgħa mas-sidien ta' Magro Brothers (Foods) Limited;

Saru l-introduzzjonijiet, attendew is-Sur Christian Magro u s-Sur Noel Camilleri għall Magro Brothers. Is-Sindku qalet li intalbet din il-laqgħa minħabba l-ilmenti li qed isiru mir-residenti minħabba dħaħen, hi tenniet ukoll li dan mhux qed isir kuljum pero f'ċertu żminijiet. Is-Sur Magro qal li mhux pjaċir tagħhom li jkun hemm dawn l-ilmenti. Is-Sur Magro spjega li dawn id-dħaħen ikunu fil-bidu tas-sajf meta' jitqabbad l-boiler sakemm itella' t-temperatura. Huwa tenna billi qal li jsiru spezzjonijiet regolari minn ta' l-ERA u dejjem ġie stabbilixxit li dawn id-dħaħen huma fin-norma. Huwa qal ukoll li l-filtri jinbidlu regolari. Ta' l-ERA reġgħu marru jiċċekjaw wara li ntbatu xi ritratti tad-dħaħen minn xi resident u dawn sabu li kollox kien regolari. Is-Sur Magro qal li din hija xi ħaġa normali li jdaħħan sakemm il-boiler jilħaqq it-temperatura li suppost u dan huwa ukoll permess mill-liġi. Huwa qal li dan jieħu madwar tlieta jew erbat ijiem. Huwa qal li jintuża fuel oil u s-Sindku staqsietu jistax jintuża xi ħaġa alternattiva. Is-Sur Magro qal li mhemmx alternattiva ghall dan il-boiler pero hemm alternattivi oħra. Huwa tenna li ta' l-ERA jagħmlu spezzjonijiet daqs darbtejn fis-sena u darbtejn oħra rregolari u dejjem sabu li l-emissjonijiet huma konformi ma kemm hu permissibli skond il-liġi. L-emissjonijiet jiġu ċċertifikati ukoll mill-inġinier Bellizzi li huwa inġinier indipendenti u li jmur darba fis-sena. Is-Sindku staqsiet il-perjodu li jinxtel dan il-boiler u s-Sur Magro kkonferma li dawn id-dħaħen huma mistenniha li jkunu fil-perjodu għall-aħħar ta' Ġunju, bidu ta' Lulju qabel jibda l-istaġun tas-sajf, skond meta' jkun ser jibda l istaġun tat-tadam. Is-Sur Magro stieden lil dawk preżenti meta jridu jkunu jistgħu jżuru l-fabbrika sabiex ikunu jistgħu jifhmu aħjar. Huwa qal li fix-xitwa jkun hemm boiler iżgħar li jkun mixgħul 24 siegħa pero qatt ma jkun hemm ilmenti.

Il-Viċi Sindku qal li mportanti li n-nies jifhmu x'ikun qed isir. Is-Sindku qalet li l-problema tagħha bħalha rappreżentanta tar-raħal hi li dan l-ammont mhuwiex żgħir u li trid iżżid li fir-raħal hemm ammont sustanzjali ta' resident li jbatu b'mard respiratorju.

Is-Sindku staqsiet hemmx xi soluzzjoni, hi stess marret fuq il-post sabiex tara hux minnu dawn id-dħaħen. Is-Sur Magro qal li dawn id-dħaħen idumu sekondi kull darba. Is-Sindku staqsiet jekk humiex lesti jagħmlu riċerki fuq alternattivi oħra. Is-Sur Magro qal li diġa hemm ħmistax il-mitt pannella u diġa għamlu talba biex jibda jaħdem bil-gas minnflokk il-fuel oil pero permessi ma' nħarġux għax il-ħażna ta gas hija ħafna aktar perikoluża mill-fuel oil. Is-Sindku staqsiet jekk il-problema tiġix solvuta jekk jinbidel, is-Sur Magro wieġeb li mhux bilfors u li bħalissa mhemmx alternattiva għax biex il-boiler jinbidel minn fuel oil ghall gas irid ikun hemm ħażna ta' gas fuq il-post u kemm l ERA u kemm l-PA mhux ser joħorġu l-permess allura bħalissa mhemmx alternattiva oħra.

Is-Sindku talbet lis-Sur Magro l-applikazzjonijiet li hemm bħalissa mall-awtoritajiet kif ukoll l-aħħar rapport mill-ERA. Hija qalet lis-Sur Magro biex jaħdmu id f'id flimkien mall-awtoritajiet. Is-Sur Magro qal li diġa hemm storage għall gas pero trid tkun ħafna akbar u l-ERA waqfuhom minħabba l-periklu. Huwa tenna li l-fabbrika qeda fl-industrial zone pero hemm housing estate in-naħa l-oħra u huwa għalhekk li l-permessi mhumiex jinħarġu. Huwa tenna li mill-bidu nett huma ħasbu fil-madwar u l-fabbrika ġiet iddiżinjatha bil-mod li jnaqqsu mill-istorbju li jista jkun hemm fuq barra n-naħa tal-housing estate, għalhekk il-partijiet tal-fabbrika li jistgħu jagħmlu l-aktar storbju ġew illokalliżżati n-naħa l-oħra.

Is-Sindku semmiet ukoll ilment li kien hemm minħabba cones li qed ikun hemm barra l-fabbrika u r-residenti mhux qed ikollhom fejn jipparkjaw. Is-Sur Magro qal li l-cones jitpoġġew biss meta' jiġi tal-fuel u dan mhux fejn hemm il-parkeġġ tar-residenti. Is-Sur Magro spiċċa biex qal li mhux il-għan tagħhom li jkunu ta' nkonvenjent ghan-nies tal-madwar imma jixtieq l-affarijiet ikunu ċari minn naħa tagħhom.

**21.6 Trasport ta' l-iskola;**

Is-Sindku qalet lis-Segretarju Eżekuttiv li l-invoices li nirċievu tat-trasport għandhom jintbagħtu l-Ministeru għaliex hemm ftehim li dan ser iħallsuhom huma.

Is-Sindku staqsiet għandiex tinfetaħ tender jew inkella tinħareġ e-quotes kull tlett xhur. Il-Kunsillera Jeanelle Attard staqsiet x'ser jiġri jekk il-kuntrattur jinbidel f'nofs is-sena x'ser jiġri għaliex ma jkunx hemm stabbilta'. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tkellem lil William ta' Ladder Consultancy u jiġi speċifikat fit-tender it-trips li għandhom isiru, kemm tfal u li t-tfal jaslu fil-ħin l-iskola u lura d-dar. Il-Kunsillera Jeanelle Attard speċifikat li bejn wieħed u ieħor ikun hemm għoxrin ġurnata fix-xahar.

**21.7 Skema SPI/SCI/07/2025;**

Is-Sindku semmiet li l-perit ħadem il-BOQs u ġie deċiż li nagħmlu Triq Għammiedi li ser tiġi tiswa €97,000 għax kieku sar il-proġett kollu kif kien miftiehem kien ser jiswa €300K. Il-materjal ser isir b' local hardstone. Is-Sindku qalet li mportanti ma' jsirx bi bricks minħabba l-ħaxix. Hi qalet li dan il-proġett qed isir bħalha għajnunu għal dawk il-persuni li jużaw is-siġġu tar-roti u kompliet billi qalet li ser joffru r-residenti biex min irid terġa ssirlu r-rampa.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li għandna niċċekjaw ir-rampa ta' l-ATM tistax tiġi nkluża mal-proġett, ġie maqbul li nistaqsu qabel napplikaw.

Ġie maqbul unanimament li fl-iskema SPI/SCI/07/2025 jiġu miżjudin l-ispejjez relatati mal-ftuħ tal-ATM ġewwa l-konfini tal-Kunsill. Is-Sindku speċifikat li dawn ir-rekwiżiti huma obbligatorji sabiex ikun miftuħ l-ATM. Dawn l-alterazzjonijiet ser jitħallsu mill-Kunsill u mhux mill-BOV.

**21.8 Attivitajiet**

Ġie maqbul li l-bouncy castle ser jiġi armat biss is-sibtijiet li ser jieħu ħsiebhom l-Kunsill. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet biex niċċekjaw rigward id-dawl ma' fejn ser jiġi mqabbad għax meta jkun hemm overload qed jeħel il-lift. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekja ma' ta l-Armar. Is-Sindku qalet li l-palk ser jintrema' fin-nofs u l-bouncy castle fil-ġenb. Is-Sindku staqsiet jekk hix ideja tajba li l-bouncy castle jintrema fil-parking sabiex tar-restaurants ikunu jistgħu joħorġu l-imwejjed. Hija għandha tmur filgħodu u tiftiehem mas-sidien sabiex tara liema hu l-aħjar pjan sabiex jintrema l-palk u l-bouncy

SR NA

castle. Ġie deċiż li l-bouncy castle jintrema bejn Peppina u l-pjazza u l-palk fejn iz-zuntier. Jekk ma' jintgħogobx id-darba ta' wara jiddawwar.

Il-party ta' Blankas li kien ser isir f'Awwissu mhux ser isir kemm minħabba żmien kif ukoll minħabba spejjeż għaliex dan ma kienx imdaħħal fl-ebda skema.

Is-Sindku qalet li anke Fiori d'Arġenta n-nar ser jitħallas biss in-nofs mill-Kunsill u n-nofs l-ieħor minn tan-nar mhux bħas-sena l-oħra li kien tħallas kollox mill-Kunsill.

Rigward id-defile is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet kif ser isir minħabba l-bagpipes mad-defile għax ma sabet lil-ħadd. Is-Sindku qalet li l-problema li kien hemm is-sena ta' qabel li peress li ma kienx hemm bagpipes in-nies ma kienux jafu fi x'hin ser jimxu u kien hemm tgergir. Is-Sindku qalet li l-banda kienet iddejjaqhom liż-żwiemel. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li nkellmu lil Ganajx jqabbad tnejn minn nies jieħdu ħsieb. Minħabba d-daqq fil-pjazza l-Kunsilliera Jeanelle Attard għandha tati l-kuntatti lis-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet minħabba r-risk assessment ghal-Fiori d'Arġenta jekk hux ser ikun hemm stalls. Is-Sindku qalet li l-palk ser ikun hemm u xejn aktar.

Is-Sindku staqsiet kemm iżommu tal-banda ssoltu għall kunċert tal-Jubilant Rhapsody għax batu' invoice ta' €3000. Hi qalet li mportanti peress li ħadu ħsieb huma, li l-invoices u l-irċevuti għandhom jintbatu' fuq il-Kunsill. Il-Kunsillera Jeaanelle Attard qalet li l-Kunsill ħa ħsieb l-applikazzjoni għall-fondi pero tal-banda ħadu ħsieb ta' l-avveniment ħalli ma' jaqax ħafna xogħol fuq il-Kunsill. Is-Sindku qalet li ma' taqbilx ma' dan għax jekk inġabru l-kwotazzjonijiet mill-Kunsill dan il-kunċert kien jiġi jiswa inqas. Is-Sindku qalet li hi kienet staqsiet lil Charles tal-banda x issoltu jsir u kien qalilha li jieħdu ħsieb huma u jaddu l-ispejjeż kollha lil-Kunsill, hi qalet li jekk sar hekk is-sena l-oħra sar ħażin pero is-sena d-dieħla l-preparazzjoni ssir kollha mill-Kunsill għax ma nafux inġabrux tlett quotes kif suppost. Għandna nistaqsu lil Charles inġabrux quotes qabel. Is-sena d-dieħla nistaqsu lilt al-banda x'ikollhom bżonn u jinġabru l-kwotazzjonijiet mill-Kunsill.

**21.9 Martirju ta' San Ġwann;**

Is-Sindku qalet biex nibgħatu imejl lil ta' l-armar ħalli naraw humiex ser jieħdu ħsieb il-ħuġġieġa huma din is-sena.

**21.10 Ismijiet tat-toroq;**

Is-Sindku qalet li hemm xi lista l-Ministeru bl-ismijiet li jistgħu jissemmew it-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv ghandha titlob il-lista lis-Sur Philip Vella.

**21.11 Reklutaġġ;**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kemm Thea Borg u Francesco Saliba irriżenjaw. Hija spjegat li hemm diġa permessi mill-jobsplus kemm għall skala 13, skala 16 kif ukoll għall skala 18. Dawk preżenti qablu li jsiru interviews għall dawn il-vakanzi. Ġie maħtur il-Bord magħmul minn Dr Jonathan Mintoff, is-Sur Joseph Dingli u s-Sinjura Heidi Grech. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġeriet li għandu jsir Bord wieħed, is-Sindku qalet li għandha ssir l-interview għall skala 13 b'mod immedjat minħabba n-nuqqas ta' ħaddiema. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tistaqsi lid-DG hux bilfors issir intervista jekk ikun hemm applikant wieħed.

SR HM

**21.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamaneti;**

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li kellha ssir xi emenda fuq l-iskeda 05/2025 għall-pagamenti tal-maltapost. Is-Sindku spjegat li dawn kienu jidhru biss qabel ma nfetaħ il-kont bankarju. Lis-skedi tal-pagamenti 06/2025 u 07/2025 ġew approvati u ffirmati.

**21.13 Korrispondenza u Ilmenti**

Ser jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss

**21.14 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-18:30 u ġiet aġġornata għat-Tlieta 19 t'Awwissu 2025 fl-16:30

Konfermati llum 19/08/2025

Simona Refalo
Sindku

Marion Mejlak
Segretarju Eżekuttiv